18 ta' Marzu, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Consiglio Galea *versus* Salvatore Darmanin et.

**Lokazzjoni d'Opera — Danni — Liċenza.**

*Ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' kuntratt ħwejjeġ impossibili, jew projbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-kostumi tajba jew għall-ordni pubbliku.*

*Min imdaħħal għal xogħol meta ma għandux liċenza biex jaħdem dak ix-xogħol, u dik il-liċenza hija rikjesta skond il-liġi, ma jistax jeżiġi l-ħlas tax-xogħol li jkun għamel.*

*Fil-każ preżenti dan il-prinċipju ġie applikat kontra bennej li ħa f'idejh u għamel xogħol ta' bennej meta huwa ma kellux il-liċenza preskritta mil-Liġijiet tal-Pulizija biex wieħed jista' jaħdem ta' bennej.*

L-attur fit-taħrika qal li hu, b'inkarigu tal-konvenut Salvatore Darmanin, li kien ġie inkarigat *a sua volta* mill-konvenut l-ieħor Giorgio Baldacchino, biex jagħmel xogħol ta' ħajt u bini fid-dar numru 15, Polverista Street, Cospicua; li huwa kien beda jagħmel dan ix-xogħol; u li, imħabba li fil-waqt li kien qiegħed isir dan ix-xogħol ħarġet liġi mill-"Building Control Officer", u l-attur konsegwentement kellu jwaqqaf ix-xogħol; u l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jħallsuh tax-xogħol li diġà kien għamel, li ġie stmat mill-arkitett u inġinier ċivili Victor Muscat għal £61; u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti, jew min minnhom jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża li huwa tenut iħallsu, jiġu minn dina l-Qorti kundannati jħallsuh somma ta' £61 bħala kumpens lilu dovut għax-xogħol minnu magħmul, jew somma oħra verjuri li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, anki jekk hemm bżonn b'opera ta' periti tekniċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju 1945; u bl-imgħaxijiet legali min-notifika ta' l-istess;

*Omissis.*

Mill-provi rriżulta li l-attur ħa f'idejh xogħol ta' bennej u għamel xogħol ta' bennej meta għamel ix-xogħol imsemmi fit-taħrika, u li riegħu irid jitħallas. Iżda rriżulta li liċenza ta' bennej ma kellux. Skond l-art. 84 (1) (3) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), "ħadd ma jista' jaħdem is-sengħa ta' bennej mingħajr liċenza mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi .......... Għall-fini ta' dan l-artikolu kull min jagħmel imqar biċċa xogħol waħda bis-sengħa ta' bennej, jingħad li huwa jaħdem din is-sengħa". Għaldaqstant meta ntrigà b'dak ix-xogħol l-attur kiser il-liġi, u llum qiegħed jitlob li jitħallas ta' xogħol li bih kiser il-liġi. Iżda, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar 1931, in re "John Bartolo vs. Spiridione Baldacchino", "l'articolo 691

691 dell'ordinanza VII del 1868, regolando la materia dei contratti in generali, stabilisce non potere essere oggetto di un contratto cose impossibili o proibite dalla legge, o contrarie a buoni costumi o all'ordine publico; il quale principio è confermato all'articolo 696 della legge suddetta, ove è stabilito che la causa è illecita quando è proibita dalla legge, o quando è contraria ai buoni costumi o all'ordine pubblico. L'appellante ammette di non avere avuto mai alcuna licenza per l'esercizio della sua professione. Conseguentemente la retribuzione pretesa dall'attore per un servigio da lui eseguito in ispreto alla legge su citata non può essere dovuto, giacchè non potè sorgere il vincolo giuridico obbligatorio, essendo nullo tanto l'oggetto che è la prestazione stessa, quanto la causa determinante" (Vol. XXVIII—I—19). Dawn il-konsiderazzjonijiet legali jghoddu perfettament ghall-każ ta' l-attur. Ghaldaqstant l-attur ma ghandux azzjoni kontra l-imħarrkin;

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.